MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 338/1995/2

**Paul England ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Middle Sea Insurance Company Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Emanuel Tanti**

**Vs**

**Charles Camenzuli**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi fis-6 ta' Ottubru 1994, grat habta f' salib it-toroq; Triq il-Qoton u Triq il-Mahluq, Naxxar bejn il-vettura

Skoda Favorit, numru ta’ registrazzjoni F - 6657 misjuqa minn Emanuel Tanti u l-vettura Subaru numru ta’ registrazzjoni V - 3419 misjuqa mill-konvenut;

Premess illi dan l-incident gara b’ tort unikament tal-konvenut minhabba traskuraggini, imperizja, negligenza, u nuqqas ta’ osservazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku da parte tieghu;

Premess illi s-Socjeta` Middle Sea Insurance Company Limited giet surrogata fid-drittijiet ta’ l-assigurat taghha Emanuel Tanti minhabba li hija hallset l-ispejjez ikkagunati minn dan l-incident;

Premess illi nonostante l-intima tad-29 ta’ Dicembru 1994, il-konvenut baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex

1. Tiddikkjara lill-konvenut unikament responsabbli ta’ l-incident in kwestjoni li gara tort unikament tieghu minhabba negligenza, traskuraggini, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

2. Tillikwida d-danni jekk hemm bzonn bl-opera ta’ periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas l-ammont hekk likwidat ta’ danni kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi;

Bl-imghax legali u bl-ispejjez komprizi, dawk ta’ l-ittra legali kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. L-ewwel talba ghandha tkun michuda stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma garax htija ta’ l-eccipjent izda gara tort ta’ Emanuel Tanti assikurat ta’ l-attur *nomine*;

2. It-tieni talba ghandha ghalhekk tkun respinta billi ma hemmx danni x’jigu likwidati favur l-attur *nomine*;

3. Isegwi li anke t-tielet talba ghandha tkun rigettata billi l-eccipjent m’ghandux ikun kundannat ihallas danni lill-attur *nomine*;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tad-9 ta’ Mejju 1995 li permezz tieghu gie nominat bhala perit gudizzjarju Dr. Ray Pace biex jirrelata dwar it-talba attrici wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut;

Rat ir-relazzjoni tal-perit gudizzjarju nominat li tinsab a fol. 25 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza tat-12 ta’ Dicembru 1997;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

Il-versjoni taz-zewg konducenti f’dan il-kaz u tax-xhieda prodotti minnhom, essenzjalment in-nisa rispettivi taghhom, dwar kif sehhet il-habta hi kif gej:-

I. L-assikurat tas-socjeta` assikuratrici attrici jghid li kien ghaddej isuq fi Triq il-Qoton, in-Naxxar meta tfaccat quddiemu l-vettura misjuqa mill-konvenut. Applika l-*brakes* pero` il-kollizjoni avverat xorta wahda. Hu jghid li kien qed isuq b' velocita` ta' 25 kilometru fis-siegha. F' dan hu sostenut minn martu Marie Louise Tanti li kienet passiggiera mieghu. Hi osservat il-*car* tal-konvenut ma' l-impatt;

II. Minn naha tieghu l-konvenut jistqarr li kien ghaddej minn Triq il-Musbieh, waqaf fil-kantuniera taghha, staqsa lil wahda *pedestrian* ghall-isem tat-triq fejn xtaq imur biex iqassam xi rigal, hares lejn iz-zewg nahat, ma ra xejn, u hareg ghad-dritt. Huwa gie milqut fuq il-parti xellugija n-naha ta' wara tal-vettura u bid-daqqa l-vettura tieghu daret. Huwa jghid ukoll illi meta hareg minn Triq il-Musbieh l-ewwel xeghel l-*indicator* tax-xellug u wara tal-lemin u dan peress illi t-triq kienet spustata lejn ix-xellug. Dan fis-sens li minn fejn kien gibed ghax-xellug, u mbaghad dawwar ghal-lemin.

III. Kemm il-konvenut, kif ukoll martu Victoria Camenzuli, li kienet riekba mieghu, jghidu li huma ma kienux familjari mal-lokalita`, tant li kellhom isaqsu lin-nies ghad-direzzjoni ta' fejn riedu jmorru;

Mir-relazzjoni peritali li din il-Qorti ser tadotta jidher li l-perit legali bbaza r-ragjonament u l-konkluzjoni tieghu fuq certi indikaturi ta' fatt koncernanti t-topografija tat-toroq u dawk l-elementi accertati rigwardanti l-kondotta tas-sewqan taz-zewg konducenti. Huwa in effetti jaghmel dawn il-konsiderazzjonijiet:-

(i) Oggettivament minn dak li rrizultalu waqt l-access Triq il-Qoton kellha titqies triq principali fir-rigward ta' Triq il-Musbieh li minnha hareg il-konvenut jew Triq il-Mahluq, li fiha l-istess konvenut ried imur. Dawn l-ahhar imsemmija toroq u ohrajn paralleli ghalihom ghandhom jitqiesu ghalhekk sekondarji u kien jinnecessita illi min jkun qed jaghmel uzu minnhom jehtieglu jieqaf qabel ma jidhol fi Triq il-Qoton. Huwa jiddezumi dan anke mill-fatt illi l-

kantunieri taghhom hi forma ta’ *splay*. Dan apparti wkoll il-fatt illi kif rizultanti lilu, dawn it-toroq sekondarji fiz-zmien ta’ l-access kellhom *Stop Sign* mahzuza fl-art;

(ii) In vista ta’ dan, Triq il-Qoton tassumi precedenza ghas-sewwieqa ghaddejjin minnha fuq dawk l-ohra emergenti mit-toroq sekondarji;

(iii) *Ergo*, il-konvenut kellu juri aktar attenzjoni meta htieglu jitraversa Triq il-Qoton. Dan, anke ghaliex, kif minnu stess ammess huwa ma kienx midhla ta’ dik il-lokalita` tant li kien il-hin kollu jirricerka l-isem tat-triq li fiha ried imur biex jikkonsenja r-rigal;

(iv) L-i*spot of impact* huwa indikattiv tal-fatt illi l-konvenut ma esplorax sew it-triq li htieglu jaqsam. Wera wkoll indecizjoni fil-mod kif applika l-*indicators*, l-ewwel tax-xellug u mbaghad dak tal-lemin. Din il-bidla fid-direzzjoni, konbacjata man-nuqqas ta’ taghrif car tat-triq fejn htieglu jmur, weriet li l-manuvra tal-konvenut kienet wahda nkonsulta ghall-ahhar u tat-tfixkil serju ghal *flow of traffic* ghaddej fi Triq il-Qoton;

(v) Ir-rakkont tal-konvenut ta’ kif grat il-habta u l-antecedenti tas-sewqan u l-manuvri tieghu ghaliha, huwa fih innifsu ammissjoni li kif ravvizat mill-perit legali kien bizzejjed biex taddebita` htija ghall-akkadut lill-konvenut;

Il-Qorti taghmel ukoll dawn l-osservazzjonijiet agguntivi:-

(a) In linea generali kull sewwieq ghandu l-obbligu li juza attenzjoni dejjem u f’kull waqt tas-sewqan. Dan jinghad pero` maggorment fil-kaz ta’ dak il-konducent li jkun jehtieglu jitraversa triq. F’kaz bhal dan certament l-attenzjoni tieghu ghandha tkun fi grad ferm aktar gholi. Dan ghas-semplici raguni illi l-manuvra tieghu f’dawn id-dati sitwazzjonijiet titqies x’ aktarx riskjuza kemm ghalih u aktar u aktar ghal min ikun ghaddej isuq fid-dritt. Ghalkemm mhux necessarjament hu dejjem hekk il-kaz l-ahjar prova tkun dik bla dubju illi ghemil bhal dan ikun irrenda l-kollizjoni inevitabbli;

(b) Jibqa’ ghalhekk obbligu tal-konducent li jkun hiereg minn triq sekondarja jew li jkun qed jaqsam it-triq illi juza massima attenzjoni. Il-prudenza kienet certament bhal f’dan il-kaz tiddetta lill-konvenut li jieqaf, jesplora sewwa t-triq, jassigura li t-triq hi libera u li jibda hiereg bil-mod. Il-manuvra tieghu mbaghad li jitraversa t-triq kellha tkun wahda kalkolata hafna b’ mod li seta’ jibdiha u jtemmha bla disturb jew xkiel ghal kors ordinarju tat-traffiku u allura ghall-attur li kien ghaddej proprju fit-triq li riedet tigi traversata;

(c) Evidentement l-attenzjoni tal-konvenut jidher li kienet iffokata aktar fuq ir-ricerka tat-triq li fiha htieglu jmur milli fuq dak li kien qed jigri madwaru. Dan b’ tali mod li huwa eskluz fil-kaz tieghu li kien qed izomm dak imsejjah “*a reasonable careful look out*”; principju mill-aktar fundamentali fit-tregija tal-vettura u l-kondotta tas-sewqan;

(d) Il-vettura tal-konvenut ma halliet l-ebda tracci ta’ *brake marks*. Mhux l-istess jista’ jinghad fil-kaz ta’ l-attur li halliet *brake marks* ta’ 5.9 metri, konfermat minn PC 1483 Carmelo Calleja. Ghall-Qorti dan ifisser illi l-attur irrealizza li l-konvenut kien qed jaqsamlu f’salt minn quddiemu tant li applika l-*brakes* anke jekk b’ hekk ma lahaqx evita l-impatt;

(e) Ma ngiebet l-ebda prova ta’ xi *speed* esagerat da parte ta’ l-attur. F’kull kaz il-Qorti jidhrilha li l-kawza immedjata tal-habta ma kinitx xi *speed* ta’ l-attur izda, kif gja manifest, il-mod inkonsult tat-traversar tat-triq da parte tal-konvenut;

Kwantu ghad-danni reklamati ma jidhirx li dawn gew kontestati. Mid-deposizzjoni ta’ Salvinu Zammit (fol. 60) jidher li b’ kollox dawn ammontaw ghal seba’ mija disgha u sittin lira Maltija, hamsa u erbghin centezmu (Lm769.45,0), kif konfermat mid-dokument a fol. 69 tal-process.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi wara li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut, takkolji d-domandi attrici u b' hekk fl-ewwel lok tiddikjara lill-konvenut unikament fi htija ghall-incident stradali tas-6 ta' Ottubru 1994 li sehh fin-Naxxar bejn vettura Numru ta' Registrazzjoni F – 6657 misjuqa mill-assikurat tas-socjeta` attrici assiguratrici u vettura Numru ta' Registrazzjoni V – 3419 misjuqa mill-konvenut;

Tilqa' t-tieni domanda billi tillikwida d-danni fl-ammont ta' seba' mija disgha u sittin lira Maltija, hamsa u erbghin centezmu (Lm769.45,0);

Konsegwentement tilqa' t-tielet talba billi tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` assiguratrici attrici l-ammont hekk likwidat in linea ta' danni, bl-interessi dekorribbli mid-data ta' dan il-gudikat.

L-ispejjez kollha tal-kawza jibqghu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------